MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 413/2002

**Five Effs Import Co. Ltd.**

**vs**

1. **Cheryle Ogilvie**
2. **Gordon Cameron Ogilvie**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm1,724.34) rapprezentanti kwantu ghall-elf sitt mija u tmienja u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,638.85) bilanc ta' prezz ta' merca mibjugha bl-ingrossa u kkonsenjata lill-konvenuti mis-socjeta' attrici u kwantu ghall-hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm85.49) rapprezentanti imghax kummercjali fuq l-istess merca, kalkolati mid-data ta' kull konsenja sal-20 ta' Mejju, 2002, skond prospett Dok. A.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 29 ta’ Mejju, 2000, u bl-imghax kummercjali ulterjuri mill-21 ta’ Mejju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-14 ta’ Novembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.